TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Joseph Anastasi

vs

Rosaria Cachia

CCT 3/24/MS

3 ta' April 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent pprezentat fl-10 ta' Jannar 2024 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-intimata thallsu l-ammont ta' mija u hamsin euro (€150.00), parti minn prezz ta' geru Labrador pedigree mixtri minghand l-intimata, liema geru gie konsenjat minghajr id-dokumenti kollha li juru r-razza taghha min-naha tal-missier.

Ra r-risposta tal-intimata fejn eccepiet illi hi ghamlet l-almu taghha biex taghmel kuntatt mal-persuna li kien responsabbli ghal din ir-registrazzjoni, izda dan minghajr success; qalet ukoll illi hi kienet lesta li tiehu lura l-geru in kwistjoni u tirrifondi r-rikorrent il-flus kollu, izda r-rikorrent irrifjuta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Awwissu 2023 ir-rikorrent xtara geru minghand l-intimata ghall-prezz ta' tlett mitt euro, wara li ra avviz fuq Facebook. Meta hu mar biex jigbor il-geru, nghata biss ir-registrazzjoni tal-pedigree tal-omm il-kelb u mhux tal-missier, izda hallas l-ammont kollu bil-patt illi jinghata l-karti kollha maz-zmien. Ghaddew xhur izda dawn il-karti qatt ma gew konsenjati u gew infurmati mill-intimata illi kien hemm problemi mal-persuna responsabbli li ma setax jinstab. Ir-rikorrent xehed illi l-intimata offriet illi tiehu l-geru lura u tirrifondilu l-ammont kollu, izda din il-proposta kienet inaccettabbli ghalih, ghaliex huma kienu sar jhobbu l-kelba li saret parti mill-familja.

Illi xehdet ukoll l-intimata, Rosaria Cachia, li qalet lli din kienet l-ewwel esperjenza taghha li tghammar il-kelba taghha Lily, li welldet seba' griewi, u wahda minnhom inxtrat mir-rikorrent ghall-prezz ta' tlett mitt euro. Qalet ukoll illi l-kelb maskili (sire) li nissel il-griewi instab fuq Facebook, wara li certu Alan ghamel kuntatt maghha u ftehmu li jghammru l-klieb u li hu kien ha jiehu wahda mill-griewi. Qalet ukoll illi Alan kien qallha li l-kelb tieghu kien 'pedigree', u kien weghdhom li malli johrog ir-rizultat tad-DNA jghaddiha lill-intimata, izda dan qatt ma wasal, u wara li ha l-kelb tieghu qatgha kull kuntatt maghha. Fil-fatt wara saret taf illi Alan kien ghamel hekk ma' nies ohra. Meta ndunat illi dan kien qed jevitaha, cemplet lil dawk li kienu xtraw klieb minghandhom u tathom in-numru ta' Alan biex forsi jaslu mieghu, imma hadd minnhom ma seta' jaqbdu. Qalet ukoll illi jiddispjaciha ghal dak li gara u offriet ukoll illi tiehu lura l-klieb u taghti l-flus lura. Fil-fatt hekk ghamlet mar-rikorrent, li min-naha tieghu ma accettax li jaghmel hekk u talabha nofs il-prezz tal-geru. Qalet ukoll illi hi m'ghandhiex tort ghal dak li gara u ppruvat tghin lir-rikorrent, u anke zammet il-kelb tar-rikorrent meta huma marru Ghawdex.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, ir-rikorrent qed jitlob li jinghata lura mija u hamsin euro, nofs il-prezz li huwa hallas ghall-geru pedigree, wara li rrizulta illi l-kelba ma kenitx fil-fatt pedigree u d-dokumenti relattivi ma gew konsenjati skond il-ftehim. Illi min-naha taghha, l-intimata qieghda targumenta illi hi ippruvat taghmel minn kollox u se mai, giet ingannata minn sid il-kelb maskili, li baqa' qatt ma taha d-dokumenti.

Illi ghalkemm it-Tribunal m'ghandhiex dubju illi l-intimata ippruvat tghin lir-rikorrent u ghamlet l-almu taghha fic-cirkostanzi, jibqa' l-fatt illi meta hi ddecidiet illi tghammar il-kelba taghha u ghamlet avviz fuq FB, riklamat il-klieb bhala 'pedigree' u talbet il-prezz ta' tlett mitt euro abbazi ta' dak ir-reklam. Kif qalet hi stess, din kienet l-ewwel esperjenza taghha u forsi ghamlet l-affarijiet b'mod dilettantesk. Bhala fatt, hi ma missha qatt accettat illi tghammar il-klieb qabel ma kellha d-dokumenti f'idejha u zgur ma missha qatt reklamat il-griewi bhala 'pedigree' qabel ma rat b'ghajnejha stess li l-kelb (sire) kien registrat ufficjlament u kellha l-karti kollha relattivi. Sfortunatament hawn hafna nies li jippruvaw jaghmlu flus malajr, u huma lesti illi jigbdu u jingannaw biex jiehdu dawk li jridu - kif jidher li gara f'dan il-kaz.

Illi tajjeb jew hazin, il-prezz ta' tlett mitt euro kien dak miftiehem, u t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-prezz thallas abbazi tar-riklam u tal-fatt illi l-griewi kienu reklamati bhala 'pedigree' u hi ftehmet mar-rikorrent illi ha ttih iil-karti kollha relattivi. Il-fatt illi dan ma kienx il-kaz u jidher illi l-omm biss kienet registrata jintitola r-rikorrent jitlob riduzzjoni fil-prezz, kif fil-fatt qed ghamel. It-Tribunal jidhirlu illi fic-cirkostanzi mhuwiex gust illi l-kelb jinghata lura lill-intimata, u huwa fl-ahjar interess tal-kelb illi jinzamm mir-rikorrent, li min-naha tieghu ghandu ragun illi jitlob riduzzjoni fil-prezz.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-intimata thallsu l-prezz ta' mija u hamsin euro. Bl-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Michela Spiteri LL.D.**

**Arbitru**